MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Numru. 1340/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Gilbert Busuttil**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tlieta 11 ta' Novembru, 2014**

Kumpilazzjoni Numru: 1340/2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gilbert Busuttil eta' 26 sena,iben Anthony u Josephine Gabriel xebba Mizzi, mwieled Peta' fi 23 ta' Novembru 1985, residenti gewwa 178, Fl.2, Triq San Kristofru, Valletta u detentur ta' karta ta' identita' 0586785M talli fid-19 ta' Novembru 2011 ghal habta ta' 18.00hrs gewwa il-Gzira u fil-Gzejjer ta' Malta:

1. Minghajr ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Omissis, kontra' l-volonta' tieghu;

2. f'dawn il-Gzejjer seraq pistola ta' ghamla mhux maghrufa b'numru ta' serje mhux maghruf li jiswa aktar minn mija u sittax Euro (Euro 116) pero' anqas minn elfejn u hames mitt Euro (Euro 2,500) ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa;

3. u aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellek fil-pussess jew kontroll tieghek, jew kellek f'idejk jew fuqek, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaqbel mieghu;

4. ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri pistola jew munizzjoni, xort'ohra milli b'licenza, u minnufih naqas li jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz;

5. ukoll talli gewwa l-Gzira hedded u ingurja lil Omissis bi strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr ma darab;

6. u talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

7. talli fid-19 ta' Novembru 2011 minn fuq il-persuna ta' Omissis fil-Gzira kkommetta serq ta' zewg Credit Cards tal-BOV, arlogg ta' ghamla 'Breil' u karta tal-identita' Maltija u affarijiet ohra, ghad-detriment ta' Omissis liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedu elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37Ewo); liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur, hin u vjolenza;

8. ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex tindahal biex ibiegh jew imexxi;

9. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Gzira ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Omissis;

10. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Omissis biza' li se tintuza' vjolenza kontrih, meta kien jaf jew messu jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;

11. kif ukoll talli ghamel qliegh b'ingann permezz ta' karta ta' kreditu ghad-detriment ta' Omissis u/jew persuna/I ohra (art 308, 309, 310(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. u aktar talli sar uzu mill-vettura ta' ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HAN679 liema vettura ta' ghamla Toyota tghajjat lil Omissis u/jew persuna/I ohra (art. 288 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet li barra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska tal-oggetti ezebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni l-licenza tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn tlett snin.

Il-Qorti ntalbet ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti u l-familja taghom ai termini ta' l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitur tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

Fl-artikoli 86, 87(1)(c) u (e), u 275 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 261(c), 267, 279, 270 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 339(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 261(a)(b)(c) u (f), 262(1)(a), 263(b), 267, 270, 274(c),275 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 334 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 214, 215, 221(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 251B(1) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 24(1)(a)(i),(ii),(iii) u (iv) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 382A sa 388 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011 gie ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem u kunjom il-parte civile.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi akkwiziti rrizulta li fil-gurnata tad-19 ta' Novembru 2011 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, il-parte leza kien ghaddej minn Imsida Road fil-Gzira u hekk kif kien fil-karozza avvicinatu mara – li wara rrizulta li kienet Brenda Carabott - li kienet liebsa provokattiv u tellaghha mieghu fil-karozza. Huma ftehmu dwar prezz bi hlas ghal servizzi sesswali min-naha taghha. Huma marru gewwa r-residenza taghha f'Rue D'Argens, Gzira fejn wara li tlestew il-favuri sesswali dahal persuna ohra li kien l-imputat li qallu li kien gibidlu video waqt l-att sesswali u heddu li jekk ma kienx ser itih xi flus kien se juri l-video lill-familja tieghu u dan billi huwa kien ragel mizzewweg.

Il-parte leza rrezista ghal tali talba fil-bidu izda l-imputat heddu anki b'mus u ghalhekk tah card u pin number. Irrizulta wkoll li l-imputat hadlu c-cwievet tal-karozza tieghu. Sakemm l-imputat u Brenda Carabott marru biex jigbdu l-flus kien hemm ragel iehor li ma giex identifikat li kien ghassa sabiex il-parte leza ma jitlaqx minn fuq il-post.

L-imputat flimkien ma' Brenda Carabott marru biex jigbdu l-flus izda l-pin nimber li kellhom ma kienx korrett. Ghalhekk regghu marru fl-

appartament u l-imputat hedded lill-parte leza b'mus u anki b'injama f'xi waqtiet u l-parte leza tah il-visa card bil-pin number korrett u l-imputat gibed is-somma ta' €2,000. Infatti mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li dan l-ammont ingibed f'erba' transazzjonijiet ta' €500 il-wahda proprju fil-gurnata u hinijiet indikati fl-akkuza. Oltre' dan lill-parte leza insteraqlu wkoll arlogg tal-marka Breil tal-valur ta' €150. L-imputat hadlu wkoll ic-cwievet tal-karozza sabiex uzaha biex imur jigbed il-flus.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel imputazzjoni skont l-artikoli indikati fin-nota ghar-rinviju tal-gudizzju ta' l-Avukat Generali stante li l-parte leza inzamm kontra l-volonta' tieghu milli jitlaq mill-appartament sakemm l-imputat mar jigbed il-flus tant li thalliet persuna mieghu biex zgur ma jitlaqx minn fuq il-post. Gew ippruvati wkoll l-imputazzjonijiet taht l-artikoli 339(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht l-artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-parte leza gie mhedded b'mus u li l-imputat ma kellu l-ebda licenzja mharuga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghal tali mus.

Illi l-parte leza allega wkoll li l-imputat uza arma tan-nar u li anki sawwtu u heddu biha. Filwaqt li l-uzu ta' mus giet ippruvata mhux l-istess jista' jinghad ghall-uzu ta' arma tan-nar. L-imputat cahad li uza arma tan-nar fl-istqarrija tieghu filwaqt li ammetta li gibed il-flus u li wzaw injama u sikkina. Brenda Carabott li xehdet f'dawn il-proceduri billi l-proceduri fil-konfront taghha kienu diga' gew decizi xehdet li l-imputat ha f'idejh injama u hija wzat sikkina. Minn ricerki li saru ma rrizultax li l-imputat kellu fiz-zmien arma tan-nar registrata fuq ismu u minn tfittxijiet li saru mill-pulizija ma nstabet l-ebda arma. Il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhix tipprova oltre' d-dubbju dettat mir-raguni li waqt il-kommissjoni tar-reat intuzat arma tan-nar u ghaldaqstant wisq anqas li insterqet arma tan-nar mill-imputat hekk kif addebitat kontrih fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali  a tenur ta' l-artikoli

261(c), 267, 279, 270 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-imputat qieghed jigi liberat minn tali akkuzi.

Skont in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat qieghed jigi wkoll addebitat li wettaq serq fit-termini ta' l-artikoli 261(a)(b)(c) u (f), 262(1)(a), 263(b), 267, 270, 274(c),275 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-imputat seraq zewg credit cards tal-HSBC u mhux tal-BOV madankollu rrizulta li permezz tal-cards li insterqu l-imputat gibed l-ammont ta' €2,000. Oltre' dan irrizulta li nsteraq arlogg li kien jiswa' €150 u ghalhekk il-valur li nsteraq huwa fl-ammont ta' €2,150. Mill-provi jirrizulta li din l-imputazzjoni giet ippruvata hlief ghal dik migjuba taht l-artikolu 274(c) billi ma giex ippruvat li saret offiza fuq il-parte leza. Illi inkwantu ghall-valur fic-citazzjoni l-imputat gie akkuzat li wettaq serq aggravat bil-valur li jeccedi l-€2329.37 izda l-artikolu 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux indikat fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali u din il-Qorti hija marbuta li tiehu konjizzjoni ta' l-artikoli indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Fi kwalunkwe kaz gie ppruvat li l-ammont u oggett misruqa ma kienx jeccedi l-€2329.37

Illi l-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat tar-ricettazzjoni a tenur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista li l-imputat qieghed jinstab hati tar-reat ta' serq kif fuq indikat il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva u ghaldaqstant qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-parte leza allega waqt ix-xhieda tieghu li huwa gie msawwat mill-imputat bl-arma tan-nar u anki b'daqqiet ta' sieq. Illi l-imputat ma nstabx hati li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u oltre' dan ma giex

ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi li l-parte leza sofra ferita ta' natura hafifa tant li lanqas certifikat mediku ma gie pprezentat fl-atti. Ghaldaqstant l-imputat mhux qieghed jinstab hati tad-disa' imputazzjoni u ghaldaqstant qieghed jigi lliberat minnha.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-disa' imputazzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

*"Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid jirrizulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda. Izda kemmmill-imputazzjoni kif migjuba kif ukoll mill-provi ma jirrizultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet ghal x'gara qabel izda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wiehed biss. Barra dan ma jirrizultax li kien hemm xi kundanni ohra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab hati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".*

Illi l-artikolu 251B(1) jghid: *"li l-imgieba taghha tikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra".* Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li gie ppruvat li  l-imputat kien b'xi mod ikkaguna biza' fuq il-persuna tal-parte leza li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu jekk ma jaghtihomx il-cards u l-pin numbers u ntuza' kliem ta' theddid li holqot biza' fih. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet ippruvata.

Illi l-hdax-il imputazzjoni tirrizulta wkoll ampjament ippruvata billi l-imputat ha l-karozza tal-parte leza purament biex imur jigbed il-flus izda imbaghad il-karozza ntraddet lura lill-parte leza.

Illi ghar-rigward tat-tnax-il imputazzjoni l-imputat qieghed jigi wkoll akkuzat li ghamel qliegh b'ingann permezz ta' karta ta' kreditu ghad-detriment tal-parte leza a tenur ta' l-artikolu 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti r-reat li wettaq l-imputat ma jinkwadrax taht l-artikoli kkwotati.

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs Glen Debattista**[1]

*"Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:*

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso*

*della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti*

[1] Deciza fil-11 ta' Settembru, 2013

*elementi:*

*1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*

*2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*

*3) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona*[2]*.*

*Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta 'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:*

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent….. liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*[3]*.*

*Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa Antolisei jghid hekk:*

*l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore* ***l'ingannato abbia posto in essere un atto che***

[2] *Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354*

[3] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

***abbia determinato il detto danno**[4]... Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale …. e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche …. essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore, **e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui**[5].[6]*

*Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent.*

*Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. **Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata**[7].[8]"*

F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda *mise en scene* u lanqas xi tip ta' ingann anzi kien evidenti dak li kien se jsehh meta l-parte leza gie mitlub li

---
[4] Sottolinear ta' din il-Qorti
[5] Sottolinear tal-Qorti
[6] Manuele di Diritto Penale op cit pagna 359
[7] Sottolinear ta' din il-Qorti
[8] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

jaghti l-cards u l-pin number lill-imputat u lil Carabott. Dak li sehh kien serq aggravat kif fuq indikat.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tqis li huwa opportun li jinhareg ordni ta' protezzjoni. Fic-cirkostanzi ma tqisx li hemm ukoll lok li jinhareg ordni ta' trazzin u garanzija billi l-ordni ta' protezzjoni huwa sufficjenti ghall-protezzjoni tal-parte leza u familja tieghu.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti se tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati, il-fatt li fiz-zmien li twettqu r-reati l-imputat kellu l-vizzju tad-droga li kien hakkmu, il-fedina penali tieghu li mhix wahda netta u l-fatt li ghal dawn l-ahhar xhur l-imputat qieghed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni biex jehles mill-vizzju li hakkmu u jirrizulta li sejjer tajjeb hafna. Ghalhekk il-Qorti tqis li ghandha tati cans lill-imputat sabiex ikompli fit-triq it-tajba li qabad u kwindi mhix se timponi piena karcerarja effettiva.

Illi inkwantu ghal restituzzjoni tal-flus u oggetti misruqa, il-Qorti tqis li l-imputat ghandu jirrifondi lill-parte leza l-ammont ta' €1484 inkwantu Brenda Carabott giet ikkundannata thallas l-ammont ta' €666 permezz tas-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2012 (li jigi terz mill-ammont misruq) u maghdud ma' dan qed jigi ordnat ihallas l-ammont rapprezentanti l-valur ta' l-arlogg.

Illi rrizulta li l-hlas tal-esperti involut kien l-ammont ta' €457.84.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c) u (e), 214, 215, 221(1) u (2), 251B(1), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a), 263(b), 267,

270, 274(c), 275, 277(b), 279, 280, 288, 308, 309, 310(1)(b), 334, 339(1)(c), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 5(1), 6, 24(1)(a)(i),(ii),(iii) u (iv) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tmien imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', id-disa' u l-hdax-il imputazzjoni u inkwantu ghas-seba' imputazzjoni ma ssibx htija biss inkwantu ghall-aggravju ta' serq ta' valur li jeccedi €2,329.37 u li kien ikkwalifikat bl-offiza fuq il-persuna skont kif jipprovdi l-artikolu 274(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tilliberah minnhom, issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u inkwantu ghas-seba' imputazzjoni qed issibu hati ta' serq aggravat bil-mezz, hin, vjolenza u aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin u tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kap 9 tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' elf erba' mija u erba' u tmenin Euro (€1,484) lil Omissis u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur sabiex ihallas lill-parte leza li ghandhom jiddekorru minn mindu jiskonta s-sentenza ta' habs fi proceduri ohra.

U biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza Omissis b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti li jammontaw ghal erba' mija sebgha u hamsin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€457.84) skont l-artikolu 533 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jridu jithallsu fi zmien tlett (3) snin millum b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija.

Inoltre' a tenur ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli l-imputat ikollu jew jottjeni il-licenza ta' arma ghal zmien tlett snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------